TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 427/11/GZ

**Joseph Sammut**

**vs**

**Top Choice**

Illum 16 ta' Mejju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-22 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mija u dsatax-il Ewro (€119.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal mobile phone, liema mobile phone kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fil-15 ta' Marzu 2011, huwa xtara mobile phone gdid tad-ditta 'LG Electron' minghand is-socjeta' ntimata. F'dawn l-ahhar hames (5) xhur, l-imsemmi mobile phone waqaf jahdem ghal tliet (3) darbiet.

L-ewwel li kien waqaf jahdem kien fl-10 ta' April 2011. It-tieni darba li waqaf jahdem kien fis-16 ta' Gunju 2011 u issa iktar ricentement waqaf jahdem fit-23 ta' Awissu 2011. Ir-rikorrent gieli kien isib dan il-mobile phone mitfi, jew iggamjat u sabiex jerga' jixghalu kellu jnehhi l-batterija ghal ftit sekondi, wara liema kien jerga' jibda jahdem.

Meta l-mobile phone waqaf jahdem l-ewwel darba, ir-rikorrent kien hadu lura ghand is-socjeta' ntimata, fejn kien gie nformat illi kien qed jigrilu hekk ghaliex il-batterija ma kenitx iccargjata bizzejjed. It-tieni darba li l-mobile phone waqaf jahdem, ir-

rikorrent accerta ruhu li l-batterija kienet iccargjata sew u li l-memory card ma kienx mimli, u hadu lura ghand is-socjeta' ntimata, minn fejn intbaghat ghall-ispezzjoni. Wara ftit granet, ir-rikorrent ircieva telefonata mis-socjeta' ntimata fejn huwa gie nformat illi setgha jmur jigbor il-mobile phone ghaliex kien qed jahdem sew. Pero' wara biss xahar u nofs il-mobile phone reggha beda jintefa, u ghal diversi drabi meta r-rikorrent kien jircievi telefonata l-mobile phone kien jiggamja.

Ghat-tielet darba, ir-rikorrent reggha ha l-mobile phone lura ghand is-socjeta' ntimata, pero' din id-darba huwa talab illi l-imsemmi mobile phone jinbidel u minnfloku jinghata wiehed gdid. Huwa mbaghad ircieva telefonata minghand is-socjeta' ntimata fejn hija nformatu illi setgha jmur jigbor il-mobile phone ghaliex issa kien qed jadem sew, pero' huwa nformaha illi ma kienx ser jigbru u li ken ser jirreferi l-kwistjoni lid-Dipartiment tal-Konsumatur.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-mobile phone gie ccekjat fil-workshop u hadem tajjeb.

Il-mobile phone jista' jiggamja meta jsiru 'downloads' minn mobile phone iehor, jew minn fuq l-internet jew jintaghfsu buttuni f'daqqa jew ma jaghtix cans 'refresh'.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.,

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-cash sale fl-ammont ta' mija u dsatax-il Ewro (€119.00), li giet immarkata bhala Dok.JS1, kopja tal-garanzija li giet immarkata bhala Dok.JS2, estratt mill-internet (LG KS360 Review) li gie mmarkat bhala Dok.JS3, u kopja ta' l-ahhar job card li giet immarkata bhala Dok.JS4.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha, stqarret illi dan it-tip ta' smart phone huwa wiehed hafna nferjuri minn smart phones ohrajn. Hija stqarret illi il-mudell in kwistjoni ma jiswiex hafna flus u ghalhekk wiehed qed jiehu ghal dak li qed ihallas.

It-Tribunal josserva illi, fuq domandi ta' l-istess Tribunal, is-socjeta' ntimata ammettiet illi hija ma tavzax lill-konsumatur illi dan il-mudell ta' mobile phone huwa wiehed ta' kwalita' mhux daqstant tajjeb.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-konsiderazzjoni illi l-konsumatur dejjem ghandu jigi ssuplixxit bl-informazzjoni valida rigwardanti l-oggett li qed jixtri, haga li s-socjeta' ntimata certament naqset milli taghmel fil-kawza in ezami, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u stante l-ammissjoni da parti tas-socjeta' ntimata tal-kwalita' piuttost inferjuri tal-mudell ta' mobile phone in kwistjoni, qed jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija u dsatax-il Ewro (€119.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**